# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu 2002**

**Avviz. numru 74/02**

**Numru 42**

**Alfa Co Ltd**

**vs**

**CRC (Malta) Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, hames mija u seba' Liri u hamsin centezmu rapprezentati servizz fornut lis-socjeta' attrici skond invoice numru 007241 datata 29 ta' Settembru 2000 annessa mal-avviz u mmarkata Dok A.

Wara li rat l-anness Dok A kif ukoll in-nota tal-istess socjeta attrici, a fol 10 tal-atti, li biha irriduciet is-somma pretiza fl-avviz bis-somma ta' Lm200.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex s-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont kif ridott u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fl-11 ta' Marzu 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm4307.50,0 bl-imghax legali mid-29 ta’ Settembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur